MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 47/2003/1

**Dolores u Giuseppa awha Vella**

**Vs**

**Joseph Spiteri u martu Nazarena Spiteri ghall- kull interess li jista jkollha.**

Il-Bord ;

Ra r- rikors ta' l- imsemmija Dolores u Giuseppa ahwa Vella fejn jesponu b' rispett :

Illi huma propjetarji u jikru lill- intimati l- fond bin- numru erba' u sittin (64) fi Triq Sant Anglu, Sliema, Malta, versu l- kera ta' erbghin Liri Maltin (Lm 40.00) fis- sena, pagabbli kull sitt xhur bil- quddiem ;

Illi l- esponenti jidhrilhom illi din il- kera hija baxxa wisq u jixtiequ illi dan il- Bord jistabilixxi kera aktar gusta u ekwa.

Ghaldaqstant l- esponeti jitolbu bir- rispett illi dan il- Bord joghgbu jiffissa kera xierqa u giusta tal- fond hawn fuq imsemmi.

Bl- ispejjez kollha kontra l- intimati.

Ra r- risposta ta’ Joseph Spiteri et fejn jesponi bir- rispett :

Illi l- kera tal- fond hija wahda gusta u ghalekk it- talbiet kif dedotti fir- rikors ghandhom ikunu michuda minn dan il- Bord, bl- ispejjez kontra r- rikorrenti.

Ra d-digriet tieghu tal-14 ta’ Lulju 2003 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemija periti ;

Billi mir-relazzjoni tal-periti msemmija il-kera tal-fond ‘de quo’, li hu dar qadima, il- kera li kellha tithallas fil-31 ta’ Marzu 1939 kif jidher mir-registru ta’ l-Ufficju Dwar il-Valutazzjoni ta’ l-Artijiet dwar djar li jixxiebhu kien ta’ sebgha u ghoxrin lira fis-sena (Lm 27) jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom. Il-Bord ma jistax jiffissa l-kera xierqa billi it-talba tar-rikorrenti hi marbuta mal-premessa ‘illi din il-kera hija baxxa wisq’. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shiha min din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------